Kunsill Reġjonali Ċentru

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 45

IT-TIELET LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 45

Il-Ħamis 25 ta' Jannar, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sra. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sa Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan

ASSENTI

Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 45.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef, .

45.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

## 45.2 SPI.SCI.9.2020 – Insaħħu l-Ħidma ta' Twettieq tal-Funzjonijiet tal-Kunsilli Reġjonali u dawk Lokali

45.2.1 Il-President għamel referenza għal din l-iskema finanzjarja li kienet maħruġa mill-SPI fejn kienet ġiet imressqa fil-laqgħa preċendenti tal-Kunsill Reġjonali li kienet nżammet nhar il-Ħamis 21 ta' Jannar 2021.

45.2.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif minħabba li kienu tqajmu diversi domandi fil-laqgħa preċedenti, ma kinitx ittieħdet deċiżjoni finali u għal din ir-raġuni kellha tissejjaħ laqgħa b'urġenza peress li dan ir-Reġjun ried jgħati tweġiba sal-Ġimgħa 29 ta' Jannar 2021.

45.2.3 Il-President kompla jgħid kif fil-bidu l-ħsieb kien li l-ammont ta' €160,000 kienu ser ikunu għal perjodu ta' sentejn imma skond din l-iskema l-ammont irrid jintuża fi żmien sena u kif dawn iridu jkunu impjegati u mhux tinħareġ sejħa għal servizz.

45.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, reġgħet spjegat it-titli tas-sitt uffiċċjali.

45.2.5 Is-Sur Fenech Adami spjega kif hu kien tkellem dirett mad-Direttur, is-Sa. Marisa Pisani, dwar il-punti li kienu tqajmu fil-laqgħa tar-Reġjun u hi spjegat kif irid ikun hemm kontinwita u kif għalkemm il-fondi ser jingħataw għal perjodu ta' sena, ma jfissirx li mhux ha jingħataw aktar fondi 'l quddiem.

45.2.6 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid ukoll kif is-Sra. Pisani kienet infurmatu li parti mill-allokazzjoni finanzjarjar tal-Kunsill Reġjonali għandha tintuża għal dan il-għan ukoll.

45.5.7 Hu ssuġġerixxa li r-Reġjun għandu japplika għall-Uffiċċjal tal-Kultura, Uffiċċjal għall-Immaniġġjar tal-Proġetti u Uffiċċjal fuq Fondi fuq bażi *full time*, u t-tliet uffiċċjali l-oħra jkunu mpjegati fuq bażi *part time.*

45.5.8 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, qal kif kieku wieħed għandu jħares lejn il-bżonn ta' uffiċċjali li l-Kunsilli Lokali m'għandhomx. Għal din ir-raġuni hu spjega kif fl-opinjoni tiegħu persuna fuq l-IT jkun ferm importanti għal bżonn tal-Kunsilli Lokali.

45.5.9 Il-President żied jgħid kif is-salarju għandu jkun tajjeb sabiex ikun hemm uffiċċjali addatati għal dan il-livell.

45.5.10 *05:40 – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, daħal għal din il-laqgħa.*

45.5.11 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, xtaq jirrimarka fuq is-salarju peress li, għalkemm hu jaqbel perefettament mal-President, xtaq jiġbed l-attenzjoni kif ġaladarba dawn ser ikunu impjegati tar-Reġjun ma jħossx li tkun ġusta li l-paga għandha tkun waħda li taqbez il-paga tas-Segretarju Eżekuttiv

45.5.12 Il-President qabel ma' dak li qal is-Sur Cordina.

Saret diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar fuq liema skala għandhom ikunu dawn l-impjegati.

45.5.13 Kien hemm qbil b'mod unanimu bejn il-membri preżenti sabiex is-sitt uffiċċjali mniżżlin fl-iskema finanzjarja maħruġa mill-SPI għandhom jiġu ingaġġati kollha u fuq skala 7.

45.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sra Jeanette Galea, staqsiet jekk għandhiex tagħmel talba sabiex ir-Reġjun jingħata fondi addizzjonali sabiex jitranġa l-garaxx li għadu kif ġie mbattal peress li spazju biex jospita sitt persuni fil-preżent ma hemmx.

45.5.15 Il-membri preżenti qablu fuq dan is-suġġeriment.

## 45.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.3.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:25 ta' filgħaxija u l-President fakkar lill-membri preżenti dwar il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss, li ser tinżamm nhar il-Ħamis 25 ta' Frar, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 25 ta' Frar, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |